

# Il-Gwerra l-Kbira
## (L-Ewwel Gwerra Dinjija 1914-1918)

**Kitba ta' Noè Ciappara (1980)**

*F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija jew kif inhi magħrufa aħjar il-Gwerra l-Kbira li bdiet ftit aktar minn seklu ilu. Din il-kitba hija meħuda minn wieħed mill-manuskritti* Storja ta' Ħal Luqa, *li kiteb Noè Ciappara, storiku minn Ħal Luqa. L-awtur f'din il-kitba ma jidħolx daqshekk fid-dettall dwar il-gwerra imma fuq il-ħajja f'dawn iż-żminijiet tal-Maltin u anke tal-Ħalluqin, żmien li Noè Ciappara kien għadu tifel u allura jiftakar sew din il-grajja li ħalliet impatt qawwi fil-poplu Malti.*

Kien il-Papa ta' dak iż-żmien Piju X, illum qaddis, li kien ipprofetizza xi tlett snin qabel mewtu, il-flaġell tal-Gwerra l-Kbira tremenda li fiha ra l-qerda ta' bosta u bosta eluf ta' nies li kellhom jinqerdu.

Din il-profezija l-Papa kien bagħtha lis-Segretarju tiegħu l-Kardinal Merry del Val, li dan kien qal li l-Papa qallu li kellha ssir gwerra tremenda. Dan il-Kardinal jissokta jgħid, li meta kull filgħodu kienu jitkellmu flimkien fuq l-affarijiet tal-Istat, il-Papa dejjem kien jgħidlu b'għafsa ta' qalb li qiegħed joqrob ġmielu l-flaġell tal-gwerra lejna, u ma tgħaddix din is-sena 1914, li ma tibdiex din il-gwerra tal-biża'.

Din il-profezija tal-Papa Piju X, veru seħħet għaliex fil-bidu t'Awwissu tal-1914, ftit qabel il-mewt ta' dan il-Papa, il-Ġermanja bdiet il-Gwerra l-Kbira, li baqgħet sejra sal-1918, li mhux biss tferrxet mal-Ewropa kollha, iżda wkoll f'ħafna pajjiżi tad-dinja u fiha nqerdu eluf u eluf kbar ta' nies. Jiena mhux ser insemmi minn dak kollu li ssuċċieda u sar f'dawn is-snin tal-gwerra. Inkitbu volumi kbar ta' din il-ġrajja tal-biża', imma ser insemmi biss, it-tbatija kbira li sofrew il-biċċa l-kbira tal-poplu Malti.

Nerġa' nsemmi l-Papa Piju X, li bħala qaddis, illuminat minn Alla, kien imnebbah misterjożament fuq il-qerda u t-tbatija ta' ħafna pajjiżi u nazzjonijiet differenti tad-dinja. Tant tħassar u ħass dulur kbir f'qalbu, li l-qalb ma felħitx issofri iktar dawn il-konsegwenzi tal-gwerra li issa kienet bdiet. Dan kien il-kaġun tal-mewt tiegħu, li ġrat nhar fl-20 ta' Awissu 1914, fejn tista' tgħid id-dinja kollha bkietu, b'mod speċjali l-kattolici. Hu kien ilu Papa 11-il sena (1903-1914).

Wara l-mewt tal-Papa Piju X, il-Kardinali

fil-konklavi kienu għażlu għal fuq it-tron ta' San Pietru lill-Kardinal Giacomo Marckis li dan kien ħa l-isem ta' Papa Benedittu XV, fit-3 ta' Settembru 1914. Dan il-Papa baqa' jissemma bħala l-Papa tal-gwerra għaliex il-pontifikat tiegħu kellu jkun tul dawn is-snin tal-gwerra illi, tant ħadem u bata u sofra, biex jerġa' jġib fid-dinja il-paċi tant mixtieqa, li fil-litanija tal-Madonna kien daħħal dik it-talba *Regina Pacis ora pro nobis*. (Reġina tal-Paci, itlob għalina) Kien ordna wkoll li fil-knejjes kollha sagramentali, qabel il-barka ta' kull filgħaxija, jingħad quddiem Ġesù Sagramentat ir-rużarju mqaddes, sakemm id-dinja terġa' ssib il-paċi.

F'din il-gwerra hawn Malta, kien hawn min stagħna bil-flus u kien hawn ħafna oħrajn li batew, ftaqru, neżgħu minn dehebhom u ħwejjiġhom, u anke jekk kellhom xi erba' ġebliet fejn idaħħlu rashom ħaduhomlhom, biex jitimgħu lil uliedhom. Dawk li stagħnew kienu dawk l-imprendituri u n-negozjanti u dawk il-bejjiegħa kollha tal-ħwienet tal-merċa u dawk li kienu jbiegħu l-ħobż. Dawn kienu verament nies bla kuxjenza, u ma kellhom l-ebda ħniena ma' dawk li kienu fil-bżonn, speċjalment dawk il-familji numerużi, illi bħal sangisugi dawn xorbulhom demmhom l-iktar li kienu foqra bħalma sejrin naraw il-krudeltà li wżaw magħhom.

Il-ħobż minn dejjem kien l-ikel ewlieni tal-Maltin, kienu bosta għaġġiena u furnara speċjament f'Ħal Qormi. Ta' min isemmi illi fl-1861 kien hawn f'Malta 615 għaġġiena u daqshekk ieħor furnara jaħdmu l-ħobż, avolja il-popolazzjoni ta' dak iż-żmien kienet inqas minn ta' dak li kien hawn bejn l-1914 u l-1918.

Il-pagi tal-ħaddiema ta' dak iż-żmien kienu baxxi ħafna. Biżżejjed insemmu ta' dawk il-ħaddiema tat-tarzna illi fi żmien din il-gwerra kien hemm numru sabiħ jaħdmu fiha. Ħafna mill-Maltin kienu telqu mix-xogħol li kellhom u daħlu jaħdmu fit-tarzna, il-paga ta' raġel tas-sengħa kienet ta' tmintax-il xelin fil-ġimgħa, daqs disgħin ċenteżmu tal-lum (fl-1980). Ħafna mill-familji Maltin ta' dak iż-żmien kienu numerużi, minn ħames persuni 'l fuq u ħafna oħrajn ta' sebgħa u anke iżjed minn għaxar persuni.

Fil-Gwerra l-Kbira ma kienx hawn attakki mill-ajru bil-balal. L-ebda dar f'Malta ma kienet iġġarrfet bħal dik tal-1940-45, imma ħafna minn dawn il-familji tilfu dak kollu li kienu jippossedu biex jitimgħu lil uliedhom. L-ewwel snin tal-gwerra, ma tantx kienu ta' tbatija ħafna imma malajr bdew jiskarsaw l-affarijiet neċessarji tal-ħajja. Is-sottomarini Ġermanizi fil-Mediterran kull bastiment li kienu jaraw jattakkawh u jgħarrquh. Il-ħobż beda' jiskarsa u jogħla kuljum. Fil-bidu tal-gwerra n-negozjanti u tal-ħwienet bdew jaħżnu u jrekknu kemm jifilħu biex meta jiskarsaw l-affarijiet, ibiegħuh bil-*Black Market*.

Il-ħobż kompla jiskarsa ħafna u għalhekk il-prezz tiegħu beda jogħla sew u anke oġġetti oħra essenzjali bdew jogħlew ftit ftit. Il-ħobż, bħalma għedna, huwa l-ikel ewlieni tal-fqar ta' Malta u kap tal-familja li għandu żewġ xelini jew tlett xelini kuljum, bihom irid iżomm lil martu u xi erba' jew ħamest'itfal, bilfors ikollu jbati minħabba l-prezz għoli tal-ħobż. Kif jista' jkun li dan l-imsejken raġel jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tal-familja b'din il-paga hekk miżera u baxxa? Għalhekk bilfors kien ikolli għax jiddispra u jiddejjen kontra qalbu.

Jekk nagħmlu kalkolu żgħir insibu li jekk familja ta' sitta min-nies kienet tiekol tlett artal ħobż kuljum b'xelin u disa' soldi u l-missier kellu biss żewġ xelini jew tlieta, ma kienux iservu għall-bżonnijiet l-oħra kollha. B'hekk dawn il-povri familji kien ikollhom jiddejnu kontra qalbhom biex jitimgħu lil uliedhom mingħand tal-ħwienet. Biex jagħtuk bid-dejn kien irid ikollok x'jagħmel tajjeb. Ħafna ommijiet

li kien ikollhom xi ħaġa tad-deheb fuqhom bħal imsielet, kienu jispiċċaw jagħtuhom lil tal-ħanut biex b'hekk jagħmel tajjeb għad-dejn li kienu jagħmlu. Ġieli anke kien hemm min spiċċa bla dar minħabba li jkun iddejjen ħafna u tal-ħanut jeħdilhom id-dar. Għalhekk, aktar qabel għedt, li tal-ħwienet, fi żmien il-gwerra, l-aktar li gawdew u saru sinjuri għaliex kienu jakkwistaw xi dar u anke xi ftit deheb li ħadu minn fuq dawn il-batuti.

It-tfal ukoll kienu jgħaddu minn ħafna tbatija f'dan iż-żmien tal-gwerra. Insemmi xi ħaġa fuq it-tfal ta' Ħal Luqa li jiena kont wieħed minnhom. F'dak iż-żmien tal-gwerra jien kelli minn għaxra sa erbatax-il sena. F'Ħal Luqa, f'dawn is-snin tal-gwerra, kienu jmutu trabi sa tlieta fil-ġimgħa. Ommijietna lanqas kien ikollhom sold biex nixtru pitazz għall-iskola. Meta kien ikollha, kienet tagħtina biċċa ħobż għall-iskola ġo borża jew basket tad-drapp. Kien ikun hemm ħafna tfal li ma jġibu xejn magħhom u erħilhom iduru magħna biex nagħtuhom biċċa mill-ħobż milli kien ikollna aħna. Wieħed minn sħabna li kellu missieru bidwi u kellu ħafna siġar tal-ħarrub, kien iġib basket mimli bil-ħarrub u kien iqassmu.

Dak iż-żmien l-iskola tas-subien kienet fit-Triq tal-Belt fin-niżla, fejn in-niċċa tal-Karmnu. Fix-xitwa t-triqat kienu jkunu kollha għadajjar u tajn. Meta missirijietna kien jirnexxielhom, fost tant tbatija, jixtrulna xi qorq għal saqajna, biex flok sena iservi sentejn, konna mmorru l-iskola b'qorqa waħda. Is-surmast R. Sammut, b'qorqa waħda kien iżommna imma b'xejn le! Meta kienet tkun ix-xita, biex ma nixxarbux, flok *raincoat*, konna nieħdu xi ġlekk qadim ta' missirijietna, jew xi biċċa xkora. Qabel ma konna nidħlu l-iskola filgħodu, kien jiġi wieħed xiħ, tallab minn Ħal Qormi, kien jintefa' bilqiegħda fuq it-tarġiet ta' quddiem il-bieb u kien joqgħod jgħidilna l-istejjer, u aħna ta' tfal li konna, induru miegħu u nisimgħu dawk l-istejjer li kien jirrakkonta, u fl-aħħar kien jitlobna xi naqra ħobż biex itaffi xi ftit mill-ġuħ li kellu.

Iktar ma' kien jgħaddi ż-żmien iktar il-gwerra kienet tiħrax u l-kriżi xterdet mad-dinja kollha, għalhekk it-tbatija, l-għaks u l-faqar u n-nuqqas ta' ikel komplew kibru dejjem aktar. Il-ħobż, barra li kompla jiskarsa ħażżnuh, il-pitrolju kien skarsa ħafna, il-mara tad-dar biex isajjar xi ħaġa, kienet tuża l-kenur bil-ħatab; l-irġiel li kienu jpejpu l-pipa ma kienux isibu tabakk. Għalhekk ħafna kienu jimlew il-pipa bil-weraq niexef tad-dwieli jew tan-naspli. Sulfarini biex iqabbdu l-pipa ma kienx ikollhom, kienu jqabbdu biż-żnied jew bil-lixka jew kienu jaraw xi kenur jaqbad. Fit-truf kienu jqabbdu biċċa karta minnu u jkebbsu l-pipa.

Insemmi issa xi ħaġa fuq it-tbatija li kienu jbatu l-ħaddiema f'dak iż-żmien tal-Gwerra l-Kbira. L-iktar li kien hawn xogħol fit-tarzna u x-xatt fil-Marsa, fuq ix-xogħol tal-faħam li dawn kienu l-iktar li jaqalgħu flus u l-aktar li kienu jbatu. Hawn f'Ħal Luqa kien hawn ħafna gajjiet ta' rġiel li jaħdmu x-xatt fil-faħam bi nhar u bil-lejl. Billi l-bastimenti ta' dak iż-żmien kienu jaħdmu bil-faħam, kienu jidħlu bastimenti biex iħottu, u oħrajn biex jgħabbu għal fuq il-bastiment minn dak li kien ikun maħżun taħt it-tined u fl-imħażen. Dan ix-xogħol tal-ħatt u tat-tagħbija tal-faħam fuq il-bastimenti kien isir billi kienu jqiegħdu tavlun minn fuq il-bastiment jew vapur għal fuq ix-xatt u dawn l-irġiel bil-qoffa mimlija bil-faħam fuq spallithom kienu bit-tbatija kollha jitilgħu u jinżlu minn fuq dawn il-fallakki b'sogru għal ħajjithom.

Wieħed minn Ħal Luqa, Feliċ Brincat *(il-Bamba)* kien ħalla ħajtu waqt dan ix-xogħol perikoluż. Dan Feliċ kien wieħed mill-iktar dilettanti għall-vara, tal-vara l-kbira tal-Ġimgħa l-Kbira, illi kellu sehem kbir fil-bradella tagħha u anke fl-armar tagħha, fejn




ta' kull sena kien il-pjaċir tiegħu li jerfa' f'din il-vara fil-purċissjoni.

Barra minn din it-tbatija kollha, kienu jbatu wkoll minn żaqqhom, għax kif għedna, l-ikel kien skars ħafna, speċjalment lejn l-aħħar snin tal-gwerra. Imma dawn il-ħaddiema tax-xatt kienu jakkwistaw xi ħaġa tal-ikel minn fuq il-bastimenti bħal *gaxxen* u kienu anke jaqilgħu minn għandhom xi ħwejjeg oħra. Dawn il-ħaddiema, wara x-xogħol, kienu jispiċċaw imorru lejn darhom bil-mixi.

F'Ħal Luqa wkoll kien hawn ħafna faqar u tallaba. Niftakar wieħed fqir li ma kellu lil ħadd u xejn. Kien joqgħod f'kamra waħdu fi Triq San Ġorġ, tant li kienu sabuh mejjet fil-kamra u lanqas biex jagħmlulu l-funeral ma kellu. Ħaduh iċ-ċimiterju tal-Addolorata ġo karru tal-povri tal-Gvern u difnuh bla tebut u radmuh fil-ħamrija. Bħal dan ir-raġel li ndifen bla tebut, mill-Ingieret kien ikun hemm ħafna, billi jiena kont immur mal-Kappillan għat-trasport tal-mejtin, min jaf kemm konna nieħdu mejtin bla tebut bil-karru tal-povri għaċ-ċimiterju tal-Addolorata, u ġieli ħadna tnejn u anke tlieta fuq xulxin u kienu jindifnu fuq xulxin f'qabar wieħed.

Issa nsemmu wkoll xi ħaġa fuq il-ħaddiema tat-tarzna. Bħalma għedna l-pagi kienu baxxi li kellhom u ma kienux iservuwhom għall-ħajja, għalhekk kienu jagħmlu sagrifiċċji kbar sabiex ikunu jistgħu jaqalgħu xi ħaġa aktar billi kienu jagħmlu s-sahra. Kienu jdumu min sad-disgħa u l-għaxra ta' bil-lejl, sajf u xitwa. Dak iż-żmien ix-xogħol kien isir kollu bl-idejn, fost tbatija kbira, mis-sebgħa ta' filgħodu sal-għaxra ta' bil-lejl. Dejjem fuq saqajhom jaħdmu u l-ikel tagħhom kien ikun xi biċċa ħobż sewda u xi bott tè. Biex jaslu d-dar bil-mixi kienu jsiru l-ħdax ta' bil-lejl, kemm jaraw lill-familja u jieklu xi ħaġa milli kienet tlesti l-mara. Wara ftit tal-mistrieħ kienu jerġgħu jqumu fil-ħamsa ta' filgħodu biex imorru bil-mixi għal ġurnata xogħol oħra.

F'dak iż-żmien, l-ispalla tar-raġel kienet tagħmel tajjeb għal kulma kien jinqala' fil-familja. It-tfal bniet, meta kienu joħorġu mill-iskola, kienu jintefgħu d-dar, jaħdmu l-bizzilla, biex jaqilgħu xi *six pence* biex forsi jirnexxielhom jixtru xi biċċa drapp, biex jagħmlu libsa biex ikollhom x'jilbsu. Oħrajn kienu jmorru jaħdmu fir-raba w'oħrajn kienu jmorru sefturi ma' xi familja li tkun tista'. Is-subien, dawk li tgħallmu l-iskola sewwa, kienu jagħmlu eżami għal

*apprentice* fit-Tarzna; l-oħrajn li kienu spiċċaw mill-iskola, jekk missierhom kien ikun bidwi, kienu jmorru jaħdmu miegħu fir-raba; oħrajn jekk missierhom kien ikun bennej, mastrudaxxa, ħaddied, bajjad, eċċ, kienu jmorru jaħdmu miegħu. Oħrajn kienu jaħdmu ma' xi ħadd tas-sengħa biex jitgħallmu s-sengħa miegħu, u oħrajn kienu joħorġu jbiegħu l-karawett.

Fl-aħħar sentejn tal-gwerra, bdew jidhru xi ajruplani. Niftakar li l-ewwel ajruplan li rajt kien fl-1917, jittajjar fuq il-port il-kbir. Għalhekk il-fanali tal-pitrolju li hawn fit-triqat kienu żegħbulhom il-ħġieġ tagħhom blu biex ma jidhrux ħafna. F'dan iż-żmien it-tbatija u l-iskarsezza tal-ikel kienu dejjem jikbru minn jum għal ieħor.

Għalkemm Malta ma kinetx imdaħħla f'din il-gwerra li qegħdin insemmu, Ħal Luqa inħasdet bl-aħbar tal-mewt ta' żagħżugħ minn tagħha, Emanuel Borg, suldat ta' 22 sena, li tilef ħajtu wara li ġie midrub waqt battalja fi Franza fit-12 ta' Settembru 1918.

Kulħadd kien jixtieq u jitlob għall-paċi u li r-rebħa tkun tal-Ingilterra u l-alleati tagħha, biex Malta wara l-gwerra tkun tista' tgawdi xi ftit u tpatti għal dik it-tbatija kbira li batiet f'dawk l-erba' snin tal-gwerra. Imma meta spiċċat il-gwerra fl-1918, flok li Malta bdiet tieħu ftit ftit ir-ruħ u mistrieħ, bdew jagħtu s-sensji mit-Tarzna, u tista' tgħid il-faqar iktar żdied; u din il-qagħda kerha f'pajjiżna wasslet biex il-poplu jagħmel rivoluzzjoni kontra l-Ingliżi kif fil-fatt sar fis-7 ta' Ġunju 1919.



ITOLBU GHAR-RUH
TA
**EMMANUELE BORG**
MINN HAL-LUKA
LI UARA HAJJA TA 22 SENA
HALLA DIN ID-DINJA TA L'IMRAR
FIL BATTALJA
TAT-12 TA SETTEMBRU 1918
GEUUA FRANZA
UARA LI CHIEN FERUT
TLIET DARBIET OHRA
HALLA JIBCU IT-TELFA TIGHU
L'OMMU, IL HUTU, IL KRABATU
U QUANTITÀ CBIRA TA HBIEB.

**R. I. P.**

Kalb Helua ta Maria cun int is-salvazioni tighi.

*Ind. 300 jum.*

Pater, Ave.

*Il-Bord Editorjali ta' dan il-ktieb isellem il-memorja ta' Noè Ciappara għaliex bil-kitba tiegħu nistgħu nifhmu aħjar il-ħajja tar-raħal tagħna fi żminijiet oħra, filwaqt li nroddu ħajr lill-Avukat Joseph Sapiano talli ġentilment silifna dan il-materjal.*

*Tagħrif miġbur minn George Bondin.*